MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 16/2011/1

**Raymond Caruana**

**v.**

**L-Avukat Generali**

## Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrent minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, fit-28 ta' Frar 2013 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-intimat, cahdet l-ewwel u t-tieni talbiet tieghu, u ddikjarat li r-rikorrent ma garrabx ksur

tal-jedd tieghu taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, u *"b'hekk ma hemmx raguni ghala m'ghandhiex tithaddem il-ligi dwar il-multi l-ohrajn li r-rikorrent wehel u naqas li jhallas".* Dik il-Qorti ordnat kull parti thallas l-ispejjez taghha tal-kawza.

2. Fir-rikors promotur ir-rikorrent kien talab li gialadarba hu *"ga se jkun skonta erbatax-il xahar habs, li l-multi l-ohra ma jigux hekk konverititi f'habs ulterjuri"*.

<u>Il-Fatti</u>

3. Dawn huma adegwatament delineati fis-sentenza appellata li fil-parti relevanti taghha taqra hekk:
"Illi minn dak li joħroġ <u>mill-provi mressqin mill-partijiet</u> jirriżulta li f'Diċembru tal-1996, ir-rikorrent kiseb ir-reġistrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud. Dak iż-żmien kien tqabbad biex jagħmel xogħol ta' żebgħa u tibjid ta' xi uffiċini, iżda wara xi xahar u nofs twaqqaf minn dak ix-xogħol u jgħid li ma ħadimx aktar bħala self-employed wara dak iż-żmien.

"Illi r-rikorrent naqas li jibgħat id-denunzji tal-V.A.T meta kellhom jintbagħtu. Fl-2004, id-Dipartiment ħa passi u talab lill-Pulizija Eżekutiva tressaq lir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixli bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent ammetta x-xiljiet. B'sentenzi mogħtijin fit-18 ta' Novembru tal-2004, il-Qorti immultatu u tatu żmien biex jirregola ruħu bil-mili tal-formoli meħtieġa, fin-nuqqas ta' liema kien isir passibbli għal multa kuljum sakemm iwettaq dak lilu ordnat mil-liġi.

"Ir-rikorrent ma appellax mill-istess sentenzi. L-istess ġara f'żewġ sentenzi oħrajn mogħtijin mill-istess imsemmija Qorti kontra r-rikorrent fis-17 ta' Frar, 2005, u fl-14 ta' Settembru tal-2006. Fiż-żewġ każi wkoll, ir-rikorrent ammetta l-akkużi u ma ressaqx appell mis-sentenzi mogħtijin;

"Illi matul is-smigħ tal-proċeduri msemmija, kien hemm drabi fejn ir-rikorrent kien naqas li jidher, minkejja li kien

imħarrek kif imiss, u għal dan il-Qorti kienet ikkundannatu għad-disprezz għal somma ta' disa' mija u għoxrin lira Maltin (Lm 920). Billi r-rikorrent baqa' ma ħallasx dawk il-multi, l-Qorti tal-Maġistrati bidlithom f'detenzjoni skond il-liġi;

"Illi b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Jannar, 2008, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lir-rikorrent ħati li naqas li jwettaq dak li kien ordnat jagħmel bis-sentenza tas-17 ta' Frar, 2005, wara li huwa ammetta x-xilja, u immultatu. Ir-rikorrent ma ressaqx appell minn dik is-sentenza. L-istess ħaġa ġara fil-11 ta' Novembru, 2009, meta l-imsemmija Qorti sabet lir-rikorrent ħati u tat tliet sentenzi talli huwa naqas li jwettaq dak li kien ordnat jagħmel fis-sentenzi tat-18 ta' Novembru, 2004, u tal-14 ta' Settembru, 2006;

Illi r-rikorrent baqa' ma għamel xejn sa Frar tal-2008, meta kien mar id-Dipartiment u, bl-għajnuna ta' uffiċjal, kien mela d-denunzji kollha li kellhom jimtlew sa dak inhar li r-reġistrazzjoni tiegħu tħassret mill-istess Dipartiment.

"Illi f'Jannar tal-2010, ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li bih talab li dik il-Qorti jogħġobha tikkonverti l-multa li r-rikorrent kien ikkundannat iħallas fis-sentenza tat-23 ta' Jannar, 2008 f'detenzjoni, minħabba li r-rikorrent baqa' ma ħallashiex, minkejja li kien ingħata żmien biex jagħmel dan. Il-Qorti laqgħet it-talba dak inhar;

"Illi mbagħad, bejn Mejju u Lulju tal-2010, l-imsemmi Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ressaq rikorsi oħrajn quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex jogħġobha tibdel fi priġunerija l-multi li kienet ikkundannat lir-rikorrent iħallas minħabba li kien naqas li jidher quddiemha u għad disprezz. It-talbiet intlaqgħu kollha bl-għoti tad-degrieti relativi;

"Illi fit-12 ta' April, 2011, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;"
.......................................

**Is-Sentenza Appellata**

4. Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha li tichad it-talbiet fuq imsemmija tar-rikorrent, wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

“Illi fil-mertu, l-azzjoni tar-rikorrent tinbena fuq allegazzjoni ta’ ksur ta’ jedd fundamentali wieħed u l-kawżali tar-rikors promotur jispeċifikaw li dan huwa l-jedd imħares blartikolu 36 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

“Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jgħid li *“(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorita’ ta’ xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma’ jew bi ksur ta’ dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtoriżża l-għoti ta’ xi deskrizzjoni ta’ piena li kienet legali f’Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita. ...”;*

“Illi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jgħid li *“Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti”;*

“Illi fis-sottomissjonijiet tiegħu, r-rikorrent iddikjara li l-każ tiegħu kien “xprunat” fuq il-konsiderazzjonijiet u lkonklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem f’sentenza mogħtija kontra Malta.. Dik il-kawża kienet titkellem dwar meta persuna tintbagħat isservi żmien fil-ħabs talli tkun naqset li tħallas is-somma tal-garanzija li taħtha tkun intrabtet meta tkun ingħatat illiberta’ provviżorja u tkun kisret xi waħda jew aktar millkundizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat dik il-liberta’. Il-Qorti tinnota li s-sentenza li jsemmi r-rikorrent ma kenitx sabet ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, iżda ksur ta’ artikolu ieħor li, fil-każ tal-lum, ir-rikorrent ma jsemmix. Billi r-rikorrent (minkejja li, bla dubju ta’ xejn, kien jaf blimsemmija sentenza ta’ dik il-Qorti) għażel li jqiegħed ilkaż tiegħu fuq l-ħelsien minn trattament inuman u degradanti, il-Qorti ma tistax toqgħod fuq is-sentenza msemmija mir-rikorrent għas-soluzzjoni tal-ilment tiegħu;

“Illi għalkemm ma toħroġx wisq ċara mill-premessi tar-Rikors Promotur, jidher li l-ilment tar-rikorrent huwa dwar trattament jew piena degradanti. Tassew li huwa jsemmi kemm trattament inuman u kif ukoll trattament degradanti. Iż-żewġ kunċetti m’humiex l-istess, għaliex filwaqt li talewwel dejjem jgħodd fih tat-tieni, ma jfissirx li kull trattament degradanti huwa wkoll trattament inuman;

..............................omissis..............................

“Illi r-rikorrent naqas li juri li ż-żamma tiegħu fil-ħabs bħala konsegwenza tas-sejbien tal-ħtija min-naħa tiegħu kienet waħda li ġġib fis-seħħ il-konsiderazzjonijiet li saru hawnhekk. Jifdal li wieħed jara jekk kemm-il darba l-piena fiha nnifisha mogħtija lir-rikorrent iġġibx ksur tal-jedd minnu invokat. Fil-fehma tal-Qorti, ma ntweriex li dan uwa l-każ u f’dan ir-rigward hija tislet il-fehma magħmula mill-Qorti Kostituzzjonali f’sentenza f’kawża li wkoll laqtet aspetti li jixxiebhu ma’ din li l-Qorti għandha quddiemha llum. Ingħad li “Id-detenzjoni ta’ l-appellant b’rata prestabbilita sakemm huwa jħallas dak li huwa obbliga ruħu li jħallas, la oġġettivament u lanqas soġġettivament (f’dan ilkaż ma inġiebux xi provi taħt l-aspett soġġettiv) ma tersaq imqar lejn il-minimu ta’ dak li huwa rikonoxxut bħala li jammonta għal piena jew trattament inuman jew degradanti”;

“Illi wieħed ma jridx jinsa wkoll li r-rikorrent min-naħa tiegħu u b’imġibtu, naqas għal tul ta’ żmien milli jwettaq dak li lliġi kienet tistenna minnu. Kif jgħid l-intimat fissottomissjonjiet tiegħu, dak li ġarrab ir-rikorrent kien il-frott ta’ traskuraġni li nisslet l-effetti li issa qiegħed jilminta minnhom u liema traskuraġni ma kenitx furzata fuqu minn ħaddieħor;

“Illi minkejja dan, il-Qorti qiegħda tqis ukoll iċ-ċirkostanza partikolari li l-biċċa l-kbira miż-żmien li r-rikorrent kellu jqatta’ miżmum il-ħabs kien dwar nuqqasijiet li wieħed jista’ jqishom bħala “tekniċi”. Kemm hu hekk, il-kundanni magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati lir-rikorrent kienu jirrigwardaw nuqqasijiet amministrativi (konsistenti finnuqqas ta’ mili u tressiq fil-ħin ta’ denunzji) u mhux ta’

evażjoni ta' taxxa. Mill-provi ħareġ li meta r-rikorrent wasal biex wettaq dak li kien mistenni minnu, irriżulta li ma kien hemm l-ebda taxxa li kellha titħallas u li l-eżerċizzju kollu kien wieħed klerikali għall-aħħar. F'qagħda bħal din, il-Qorti tagħraf li dak li kellu jsir ried isir għax hija r-rieda tal-liġi u b'ħarsien tagħha. Iżda l-Qorti tħoss li ma tistax ma tagħrafx nuqqas ta' din l-għamla minn ieħor fejn ilkontribwent ikun evada t-taxxa jew il-ħlas tagħha u tħoss li dan għandu jkun rifless fil-kap tal-ispejjeż;

..............................omissis..............................

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent naqas li juri li huwa ġarrab ksur tal-jedd tiegħu li ma jkunx suġġett għal piena degradanti u għalhekk l-ewwel talba tiegħu m'hijiex sejra tintlaqa'."

**<u>L-Appell</u>**

5. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza u sejjes l-aggravju tieghu fuq dak li skont hu, huwa *"element qawwi ta' sproporzjonalita` bejn ir-reat addebitat u l-piena inflitta"* u ghalhekk kellu jinstab li kien hemm ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

6. Jghid li l-ewwel Qorti ghamlet distinzjoni bejn il-kaz odjern fejn ir-reat kriminali kien jikkonsisti fin-nuqqas ta' mili ta' formoli, u l-kaz ta' evazjoni ta' taxxa, u qalet li dan kellu jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

7. Huwa ghamel referenza ghall-kawza **Gatt v. Malta**[1] fejn il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, ghalkemm f'dak il-kaz ikkonkludiet li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, izda osservat li *"The Court does not exclude that the imposition of a disproportionate sentence having regard to all the circucmstances of the case may give rise to an issue under Article 3 of the Convention"*.

8. Huwa jkompli hekk l-aggravju tieghu:

---

[1] Q.E.D.B Appl.28221/08 – deciz 27 Lulju 2010

"Illi dan il-kaz kien jittratta bniedem li naqas milli jibghat id-debita formuola tal-VAT fil-hin mholli ghal daqshemm, izda mhux kaz fejn huwa naqas milli jhallas xi taxxa. Huwa minnu li l-Istat ghandu poteri wiesgha sabiex jassigura l-ahjar amministrazzjoni tas-settur pubbliku, kif ukoll l-evazjoni ta' taxxa. Izda zgur li ghandu jkun hemm kejl differenti fejn persuna li tonqos milli tibaghat formola fil-hin u bniedem illi jkollu l-intendere li jahrab milli jhallas dak li hu dovut minnu versu l-Istat. Hawnhekk l-appellant jisottometti li l-piena ta' erbatax-il xahar habs fuq dan in-nuqqas daqshekk *de minimis* huwa wiehed sproporzjonat u ma jikkorrispondix ghar-reat kommess ...... ma tezisti l-ebda relazzjoni ta' proporzjonalita."

9. Ir-rikorrent jirreferi ghas-sentenza **Weeks v. The United Kingdom**[2] li, ghakemm ma kienitx titratta dwar l-Artikolu 3, il-Qorti Ewropea osservat li *"Having regard to Mr.Weeks' age at the time and to the particular facts he committed .. if it had not been for the specific reasons advanced for the sentence imposed, one should have serious doubts as to its compatibility with Article 3 of the Convention which prohibits, inter alia, inhuman punishment"*.

10. Ghaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn cahdet iz-zewg talbiet tieghu fil-meritu, minflok, tilqa' l-istess talbiet, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat.

11. L-intimat min-naha tieghu, u ghar-ragunijiet minnu dettaljatament esposti fir-risposta tieghu, qed jitlob li din il-Qorti tichad l-appell tar-rikorrent, u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

---

[2] Q.E.D.B Appl. 978/82 – deciza 2 Marzu 1987

12. Fir-rigward tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, il-Qorti Ewropea identifikat is-segwenti principji li gew elenkati fil-kaz *Q. Kos. Jovica* **Kolacovic v. Attorney General**[3]**:**

"14.1 that in the court's assessment of the minimum level of severity account must be taken of all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and in some cases the sex, age and state of health of the victim; that treatment qualifies as "inhuman" if, *inter alia*, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering; that treatment qualifies as "degrading" if it was such as to arouse in the victim feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing him; also, regard is had as to whether the object was to humiliate and debase the person concerned, as to adversely effect his/her personality in a manner incompatible with Art. 3; that "in order for a punishment or treatment associated with it be 'inhuman' or 'degrading' the suffering or humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment 2 2 [**Ramirez *Sanchez Case*** *para.118-119*]".

13. Fil-meritu l-Qorti tikkonsidra opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[13.1] Illi, kuntrarjament ghal dak sottomess mir-rikorrent dwar in-natura tar-reat maghmul minnu, u li fir-rikors tieghu ddeskriva bhala "*nuqqas daqskemm de minimis*", il-Qorti tosserva li l-obbligu impost mil-ligi bl-Art.27 tal-Att Dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud [XXIII tas-sena 1998] li kull min jahdem ghal rasu ghandu jipprezenta d-denunzja tat-taxxa relatata mal-qligh tieghu, ma jistax jigi kunsidrat bhala obbligu *"de minimis".* B'dan l-obbligu l-ligi riedet li tassikura li l-Istat ikun jaf x'gabar bhala VAT, min jahdem ghar-rasu, minghand ic-cittadin fil-kors tax-xoghol tieghu, sabiex ikun jista' jigi assigurat li l-VAT migbur jithallas debitament lill-Istat. Ghalhekk, il-prezentazzjoni tal-

---

[3] Appl. 50/2011 – deciza 12 Novembru 2012

formola relattiva hija altru milli obbligu *de minimis*, imma hija parti minn struttura li permezz taghha l-Istat jenforza l-ligijiet fiskali u jigbor dak li hu dovut lill-erarju pubbliku fl-interess tas-socjeta` in generali.

[13.2] F'dan id-dawl hija valida s-sottomissjoni maghmula mill-intimat fin-nota ta' sottomissjoni tieghu li *"l-allegazzjonijiet tar-rikorrent ..... igibu fix-xejn l-obbligi fiskali li kull cittadin li jkun registrat mal-Kummissarju tal-VAT huwa marbut bihom"*.

[13.3] ] Illi dan mhux kaz fejn giet imposta piena eccessiva fuq ir-rikorrent ghal reat kommess, imma hija piena ghal diversi reati, ghalkemm tal-istess generu, u li l-piena li nghatat f'kull kaz ma kienitx wahda eccessiva. Di fatti l-pieni mposti fuq ir-rikorrent bl-erba' sentenzi li nghataw kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu, talli naqas li pprezenta l-formoli tal-VAT, kienu ta' LM100 kull darba, bl-ghoti ta' xaharejn zmien, u fl-ahhar sentenza ta' tlett xhur zmien, sabiex jikkonforma ruhu mal-ligi, b'penali ta' LM6 kuljum fin-nuqqas. Izda r-rikorrent baqa' jippersisti fl-agir illegali tieghu ghal circa tmien snin sakemm fl-ahhar iddecieda li, bl-ghajnuna ta' ufficjal mid-dipartiment, jimla l-formoli relattivi, u n-numru tar-registrazzjoni tieghu jigi kancellat. Ghalhekk kienet l-indifferenza tieghu lejn il-ligi u lejn l-ordnijiet tal-Qorti, li eventwalment wasslu sabiex jakkumulaw penalijiet f'ammonti sostanzjali. Dan, apparti mill-fatt li huwa kien wehel diversi multi ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti talli naqas li jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati fuq l-akkuzi, meta kien debitament notifikat.

[13.4] Ghalhekk din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, ma tara xejn inuman, u wisq anqas, degradanti fl-impozizzjoni tal-pieni u tal-penali ghar-reati kriminali maghumla minnu, u ghal konverzjoni taghhom f'piena ta' prigunerija minhabba nuqqas ta' pagament. Ir-rikorrent garrab il-pieni u l-penali fil-konsapevolezza shiha li ghal perjodu twil ta' zmien hu kien kiser il-ligi, u baqa' jikser il-ligi, minghajr ebda sforz sabiex jirranga s-sitwazzjoni tieghu.

[13.5] Hija relevanti l-konsiderazzjoni li, ghalkemm fix-xhieda xotta tieghu r-rikorrent jghid li huwa ma kienx baqa'

jahdem, huwa ma ressaq ebda dokument in sostenn ta' din l-allegazzjoni, bhal per ezempju dokument mill-ETC, jew dokumenti relatati mal-assistenza socjali jekk hu l-kaz. Dwar il-posizzjoni finanzjarja tieghu, ir-rikorrent baqa' sieket fil-provi, u, ghalhekk, fil-fehema ta' din il-Qorti, naqas li jipprova li hu kien fl-impossibilita` reali li jhallas, in toto jew almenu in parte, dak dovut minnu.

[13.6] Illi fil-kaz ta' **Gatt v. Malta** citat mir-rikorrenti, l-applikant kien kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-ghoti tal-liberta` provvizorju billi ma osservax il-hinijiet tal-"curfew" imposti fuqu, bir-rizultat li giet attivata kontra tieghu l-garanzija personali ta' €23,000 li eventwalment, minhabba li hu ma kienx fil-pozizzjoni li jhallas din is-somma, giet konvertita fi prigunerija ghal perjodu li jissupera l-hames snin u nofs.

[13.7] Fir-rigward tas-sottomissjoni tal-applikant li f'dak il-kaz kien hemm nuqqas ta' proporzjonalita` bejn *"the severity of the punishment"* and *"the minor infringement committed"*, il-Qorti Ewropea f'dak il-kaz osservat hekk:

"The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must in any event go beyond that inevitable suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element [see ***Kafkaris v Cyprus*** [GC] no.21906/04 para.95-96]"................However, to find a State in violation of Article 3 is particularly serious and a minimum level of severity is required for a complaint to fall within the scope of Article 3." [paras. 28 – 29]

[13.8] F'dak il-kaz il-Qorti Ewropea ddecidiet li *"the complaint is inadmissible as manifestly ill founded"*.

[13.9] Illi fil-kaz in dizamina, il-konverzjoni tal-ammont dovut, fi prigunerija, ma kienitx rizultat ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni kontrattwali kif setghet titqies ir-rabta bi plegg tal-applikant fil-kaz ta' **Gatt v. Malta**, izda kienet ta' ammonti li kienu inflitti bhala piena rizultat dirett ta' azzjoni ta' natura kriminali fuq medda ta' zmien. Ghalhekk il-

paragun li pprova jaghmel ir-rikorrent ma' dan il-kaz, mhux talli ma kien ta' ebda beneficju ghalih, izda ghal kuntrarju jimmilita kontra tieghu.

[13.10] Illi il-kaz **Weeks v. The United Kingdom**, li ghalih ghamel referenza r-rikorrent, ma timmilitax favur tieghu, stante li l-fatti f'dak il-kaz kienu totalment differenti minn dak taht ezami. Il-kaz ta' Weeks kien jirrigwarda serq bl-armi ta' 35p maghmul minn zaghzugh ta' 17-il sena minn *pet shop*, peress li kellu jaghti lil ommu £3. Ghal dan ir-reat, l-applikant kien wehel ghomru l-habs. Kienu dawn il-fatti li wasslet lill-Qorti Ewropea tikkummenta bil-mod kif ghamlet fil-bran fuq citat.

[14] Fid-dawl tal-premessi konsiderazzjonijiet, l-aggravju tar-rikorrent, in kwantu bazat fuq l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni huwa nfondat.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell jithallsu kollha mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------